L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: 20 ta’ Awissu 2004

# “Emm” …. “U-Turn”

Ninsabu fil-fazi ta’ osservazzjoni tal-maghmudija ta’ Prim Ministru gdid. Il-poplu shih jinsab attent ghal kull mossa u kelma li tohrog minn fomm il-Prim Ministru l-gdid biex jerga’ jaghmel analizi ta’ l-ghazliet tieghu u jaghti l-gudizzju tieghu fuq fatti aktar milli fuq assunzjonijiet. Oppozizzjoni, imsiehba socjali, entitajiet ohrajn kif ukoll ic-cittadini ghadhom qeghdin ifasslu l-pjan imgieba tal-Prim Ministru.

Qeghdin jarawh jirreagixxi ghal cirkostanzi differenti ghal darba, tnejn, tlieta – biex imbaghad ikunu jistghu janticipaw il-mossi tieghu u jinterpretaw kliemu, imgiebtu u ghemilu b’modi aktar effettivi li konsegwentement jaghtuhom aktar lok ghal effettivita’ fix-xoghol taghhom.

Izda jekk wiehed ihares mill-qrib lejn kliem il-Prim Ministru, il-mod kif qed jindirizza lill-gurnalisti u l-mod globali kif ireagixxi u ha decizjonijiet minn mindu nhatar fil-kariga tieghu diga hemm hafna x’wiehed jista’ jghid.

**“Emm”**
Mhux l-ewwel darba li l-Prim Ministru qieghed ‘ad nauseam’ jirrepeti l-hoss ‘emm’. Jekk wiehed irid jiehu r-repeteizzjoni tal-“kelma” “emm” b’cajta, joqghod jghodd kemm ‘ il “emm” qal il-Prim Ministru bhalma forsi dari konna nghoddu kemm – il “emm” jghid il-qassis waqt l-omelija. U din l-imbierka “emm” ghalkemm tista’ tkun komika, tista’ wkoll timpedixxi lil min qed jisma’ mili jaghti kas dak li qieghda tipprova tghid il-persuna billi l-attenzjoni tmur fuq l-“emmijiet”.

Izda zgur li hadd m’hu se jaghzel “emm” biex jipprova jnehhi l-attenzjoni ta’ xi gurnalisti li ghamel domanda ghax kieku dan jigri l-persuna tkun patetika. Din l-espressjoni jew hoss, dejjem tohrog inkonxjentement u turi incertezza, u fl-istess hin certa skumidita’, bil-mistoqsijiet pogguti. Minbarra hekk turi nuqqas ta’ sigurta’ kbira min-naha ta’ min qed jitkellem.

Jaqaw il-prim Ministru ghadu ma realizzax li jrid imexxi pajjiz? U li wahda mill-kwalitajiet li jrid ikollu mexxej hija li jkun hu cert minnu nnifsu halli ta’ madwaru jhossuhom veament immexxija: fi kliem iehor maghqudin?

Diskors wara diskors qeghdin nassistu ghal kliem mitluf bejn hafna hsejjes, twegibiet mohbijin bejn hafna cajt u dak, ezempji klassici ta’ “meta jkolli supermarket…” u sentenzi maqtughin min-nofs u qatt mitmumin.

Ma nahsbix li fi kwalunkwe kaz twegibiet u tahdidiet bhal dawn juri xi determinazjon jew xi sahha ta’ karattru.

Intervisti mal-Prim Ministru pjuttost ifakkruni f’filmati li jittiehdu sabiex isiru esperimenti klinici fuq nies li jtemtmu specjalment meta t-temtim ikun konsegwenza ta’ misthija u insigurta’. Zgur li m’huwiex il-mod kif wiehed jistenna li ghandu jitkellem xi oratur ta’ klassi.

**‘U-turns’**
Donnu li hemm kelma wahda li n-Nazzjonalisti qeghdin jippruvaw inessu. Din hija l-kelma ‘u-turn’. Fil-kaz ta’ Dr Sant kull darba li kien ibiddel xi decizjoni, imqar minialment minhabba li jkun qed jaghmel kambjamenti wara diskussjonijiet estensivi, kollox kien ikun ‘u-turn’. Issa, li l-prim Ministru qed jispicca jaghmel ‘u-turn’ wara l-ohra bhal, per ezempju, ma gara fil-kaz ta’ l-implimentazzjoni ta’ l-‘eco-tax’, dik mhux ‘u-turn’?

**Karatteristici mizmumin**
Pero' wara dan kollu, wiehed irid jghid li mill-Prim Ministru l-qadim hemm xi karatteristici li ghadhom jippersistu fil-Prim MInistru l-gdid. Wahda minn dawn il-karatteristici hija bla dubju l-istint tal-hela li fil-kaz a' Gonzi jiddimostra ruhu fis-safar bil-'private jet' u f'sulari kontra sulari fi Brussels.

Pero', wara kollox, "emm" … "u-turns" "emm".. kif wiehed jista' jifhem.. "eeemmmm" … (dahka)…"emm"…(tqahqiha)…."emm"… hemm xi mistoqsija ohra"….